# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru**

**Rikors numru 58/2010 SM**

**Ludgarda Brincat, Joseph Brincat, Carmen Montebello, John Brincat, Emanuel Brincat u Rita Sultana**

***v.***

**Kummissarju tal-Artijiet, l-Awtorità tad-Djar u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fit-12 ta' Marzu 2015 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li ċaħdet talba tal-atturi għal kumpens għat-telf ta' avvjament kummerċjali minħabba esproprjazzjoni ta' proprjetà tagħhom bi ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-

Kostituzzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["l-Ewwel Protokoll"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Aronne Brincat, awtur[1] tal-atturi, kellu fond, użat bħala *casa-bottega*, li kien esproprjat mid-Dipartiment tal-Artijiet. B'deċiżjoni tad-19 ta' Frar 2009 fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet *v.* Aronne Brincat il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet kien iffissa l-valur tal-fond fis-somma ta' mija u ħamsa u sittin elf, tmien mija u wieħed u ħamsin euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€165,851.38). Għalkemm l-atturi aċċettaw din iċ-ċifra bħala valur tal-bini, u dehru fuq il-kuntratt ta' trasferiment tal-proprjetà, dehrilhom li kellhom jingħataw kumpens ukoll għall-avvjament kummerċjali mitluf billi parti mill-fond kienet tintuża għan-negozju. Billi dehrilhom illi n-nuqqas ta' ħlas ta' kumpens għall-avvjament jikser il-jeddijiet tagħhom inħarsa taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti, wara li tgħid illi huma għandhom jedd għal dak il-kumpens u illi n-nuqqas ta' ħlas huwa bi ksur tal-jeddijiet tagħhom taħt id-disposizzjoniijet ta' liġi fuq imsemmija, tillikwida kumpens xieraq u tikkundanna lill-konvenuti jħallsuhom is-somma hekk likwidata flimkien mal-ispejjeż tal-kawża.

[1] Awtur, mhux aventi kawża, kif ighid erronjament ir-rikors.

3. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet "sintetiċi":

> "… … … il-fatti li taw lok għall-proċedura odjerna jistgħu jiġu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:
>
> "● Illi l-fond in diżamina kien parti minn pjan ta' riġenerazzjoni fl-Imsida;
>
> "● Illi għalhekk l-awtorità intimata kienet tifforma parti minn grupp li ngħata r-responsabbilità biex jitkellem mas-sidien tal-proprjetajiet involuti bil-għan li jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet involuti;
>
> "● Illi *nonostante* dan, l-esproprijazzjoni vera u proprja kienet fdata f'idejn d-Dipartiment tal-Artijiet li tiegħu il-kummissarju intimat hu l-kap;
>
> "● Illi fir-rigward tal-fond mertu tal-proċedura odjerna jirriżulta sintetikament is-segwenti:
>
> > "• Illi effettivament il-fond de quo kien "*casabottega*";
> >
> > "• Illi riżultat tal-pjan ta' riġenerazzjoni fuq riferit, l-istess fond kien ser jitwaqqa' u s-sidien kienu ħa jingħataw kumpens;
> >
> > "• Illi minħabba xi diverġenzi bejn is-sidien tal-istess fond u d-dipartiment fuq riferit, il-partijiet spiċċaw quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet bis-sentenza tingħata fid-19 ta' Frar 2009;
> >
> > "• Illi fl-istess sentenza indikata fil-paragrafu preċedenti l-kumpens mogħti lis-sidien għall-esproprjazzjoni *de quo* kien jammonta għal mija u ħamsa u sittin elf, tmien mija u wieħed u ħamsin euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€165,851.38);
> >
> > "• Illi sussegwentement għas-sentenza riferita qabel, aktar qabel, l-awtorità intimata u s-sidien involuti kkonkludew il-vertenza ta' bejniethom billi kkonsolidaw kuntratt datat l-1 t'April 2009, in atti tan-Nutar Diana Charles;
> >
> > "• Illi fl-istess kuntratt indikat fil-paragrafu preċedenti l-partijiet sintetikament intrabtu bis-segwenti kundizzjonijiet:
> >
> > > "i. Illi a bażi tas-sentenza tal-bord fuq indikat is-sidien hawn rikorrenti bigħu l-fond meritu tal-proċedura odjerna lill-Gvern ta' Malta;
> > >
> > > "ii. Illi l-prezz pattwit għal din il-kompra vendita hu dak stabbilit mill-istess bord fis-sentenza pre-ċitata;

"iii. Illi fl-eventwalità ta' kwalsiassi kontroversja jew tilwim bejn il-kontraenti involuti li jkunu naxxenti mill-istess kuntratt in diżamina, tali kontroversja jew tilwim għandhom jiġu deċiżi "... b'arbitraġġ ta' Malta kif ikun in forza f'dak iż-żmien";

"iv. Illi aktar minn hekk, ir-rikorrenti kienu wkoll ġew offruti appartament bin-numru 1, entratura 183, Triq il-Wied, l-Imsida, li nkera lir-rikorrenti għall-ammont ta' mija u sitta u tmenin euro, (€186.00), fis-sena, bil-patt li jivvakaw il-fond mertu tal-proċedura odjerna li għalih kienu wkoll tħallsu l-ammont stabbilit mill-bord fuq indikat;

"● Illi "... kieku l-Awtorità tad-Djar ma kellhiex il-bżonn li tivvaka din il-proprjetà, il-valur tal-kera kien ikun ħafna aktar għoli minn dak pattwit";

"● Illi għalhekk il-qbil fuq il-kera fuq riferita kienet kondizzjonata minn neċessità li r-rikorrenti jivvakaw il-fond *de quo* biex il-proġett governattiv ikun jista` jiddekolla;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-vertenza in diżamina tindirizza diversi kwistjonijiet ta' natura preliminari komuni għall-intimati kollha li jimmeritaw l-analisi sintetiku segwenti;

"<u>Nuqqas ta' Interess Ġuridiku</u>:

"Illi l-Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali jsostnu li ma għandhomx ikunu huma li jwieġbu għat-talbiet tar-rikorrenti;

"Illi *di più* jirriżulta assodat li r-rikorrenti kienu volontarjament resqu għall-kuntratt ta' trasferiment *de quo* u addirittura anke għall-kirja fuq riferita wara d-deċiżjoni tal-bord fuq riferit fir-rigward;

"Illi għalhekk, fil-mument meta intavolaw il-proċedura odjerna. l-proprjetà in diżamina ma kinitx aktar fil-pussess tar-rikorrenti;

"Illi konsegwenza tal-istess, l-elementi rikjesti għall-eżistenza ta' interess ġuridiku … … … ma ġewx debitament sodisfatti mir-rikorrenti *stante* li l-oġġett meritu tat-talbiet tagħhom m'għadux aktar fil-pussess tagħhom;

"<u>Nuqqas ta' *locus standi* tal-Avukat Ġenerali</u>:

"Illi fir-rigward jiġi sottolineat li is-sitwazzjoni hawn indirizzata hi regolata mill-artiklu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:

"● Illi l-Gvern hu rappreżentat fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni;

"● Illi tali regola tapplika f'kull tip ta' proċedura inoltrata u allura anke f'kawża kostituzzjonali bħal dik in diżamina;

"Illi għalhekk fil-kawża odjerna għandu jkun il-kap tad-dipartiment involut li għandu jwieġeb għad-domandi tar-rikorrenti u mhux l-Avukat Ġenerali *stante* li f'dan il-każ ma jirrappreżentax lill-gvern;

"Illi għalhekk l-intimat Avukat Ġenerali m'għandux *locus standi* fil-kawża odjerna;

"<u>Rimedju Ordinarju</u>:

"Illi kif jirriżulta mill-analisi tal-fatti kif fuq espost, ir-rikorrenti ntavolaw din il-proċedura partikolari wara d-deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet tad-19 ta' Frar 2009, li għaliha ma intavolaw l-ebda appell;

"Illi *di più*, a tenur tal-kuntratt minnhom liberament inoltrat fl-1 t'April 2009, f'każ ta' kontroversja jew tilwim bejn il-kontraenti, l-kontroversja jew tilwima kellha tiġi indirizzata biss liċ-Ċentru tal-Arbitraġġ lokali;

"Illi għalhekk għandu jirriżulta paċifiku li fiż-żewġ okkażjonijiet fuq riferiti, r-rikorrenti naqsu li jagħżlu li jintavolaw ir-rimedju ordinarju statutorjament u kontrattwalment mess għad-disposizzjoni tagħhom;

"… … …;

"Illi la r-rikorrenti liberament għażlu li jinjoraw ir-rimedji ordinarji messi għad-dispozizzjoni tagħhom fiż-żmien rilevanti, m'hux leċitu li l-qorti odjerna tiġi minnhom issa involuta fil-vertenza odjerna biex, b'disprezz liċ-ċittadin onest li debitament iħallas it-taxxi kollha minnu dovuti, tordna rimedju pekunjarju li m'hux għalhekk dovut;

"<u>Appell minn Qorti oħra</u>:

"Illi l-proċedura odjerna hi ekwivalenti għal tentativ da parti tar-rikorrenti li jerġgħu jiffokaw mill-ġdid fuq kontroversja li diġà għaddiet in ġudikat;

"Illi peress li r-rikorrenti naqsu li jappellaw mis-sentenza tal-bord *de quo* fuq indikata datata d-19 ta' Frar 2009, ma jistgħux issa, *tramite* din il-proċedura speċjali u straordinarja, jerġgħu jitolbu rikonsiderazzjoni;

"… … …;

"Illi għalhekk tali azzjoni inoltrata mir-rikorrenti m'għandhiex issib l-avall mitlub minnhom;

"Ikkunsidrat:

"Illi fil-mertu, il-kumpens mogħti lir-rikorrenti għall-esproprjazzjoni tal-fond in diżamina jirriżulta li kien dupliċi, senjatament:

"● L-ammont imħallas lir-rikorrenti mid-Dipartiment tal-Artijiet;

"● Il-kera t'appartament lir-rikorrenti mill-Awtorità tad-Djar, datata l-5 ta' Frar 2010, versu l-prezz irriżorju ta' mija u sitta

u tmenin euro (€186.00), li r-rikorrenti ma jagħmlu l-ebda aċċenn fir-rigward;

"Ikkunsidrat:

"Illi rigward il-fond bħala negozju meritu tal-proċedura in diżamina jingħad sintetikament is-segwenti:

"● Illi l-hanut de quo effettivament ma kienx qed jintuża bħala hanut u dan *stante*:

"• Illi is-sid de quo li kien jiġġestih miet fl-20 ta' Lulju 2007;

"• Illi mill-1 t'April 2009 għadda f'idejn id-Dipartiment tal-Artijiet;

"• Illi r-rikorrenti m'humiex fil-pussess tal-istess ħanut;

"• Illi r-rikorrenti ġà ġew kompensati profumatament għall-istess kif fuq indikat;

"Ikkunsidrat:

"Illi effettivament għalhekk għandu jkun paċifiku li l-kumpens komplessiv fuq indikat senjatament:

"● Dak rigwardanti l-kumpens mogħti kif stabbilit mill-bord de quo; u

"● Dak rigwardanti l-kera irriżorja imposta mill-awtorità intimata;

"hu kumpens li jkopri anke n-negozju u l-avvjament kummerċjali miegħu konness;

"Illi għalhekk il-preokkupazzjoni tar-rikorrenti hi wkoll sodisfatta."

4. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tas-27 ta' Marzu 2015 li għalih l-Awtorità tad-Djar wieġbet fis-7 ta' April 2015 u l-Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali wieġbu fl-14 ta' April 2015.

Dwar l-interess ġuridiku tal-atturi appellanti

5. L-ewwel aggravju tal-atturi jolqot dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti qalet illi l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku fl-azzjoni għax "fil-mument meta intavolaw il-proċedura odjerna. l-proprjetà in diżamina ma kinitx aktar fil-pussess" tagħhom.

6. Verament, l-ilment tal-atturi huwa illi tteħditilhom bla kumpens il-proprjetà tal-avvjament, u għalhekk hija enigmatika biex ma ngħidux kontradittorja l-konklużjoni li, għax ma għadx għandhom il-proprjetà, mela ma fadlilhomx interess, meta huwa appuntu l-fatt li ma għandx għandhom il-proprjetà – għax itteħditilhom – li wassalhom li jiftħu l-kawża tallum.

7. Tassew, din id-deċiżjoni tal-ewwel qorti ma kellhiex wisq relevanza għall-eżitu finali għax, minkejja l-konklużjoni tagħha – ħażina, fil-fehma ta’ din il-qorti – illi l-atturi ma kellhomx interess fl-azzjoni, l-ewwel qorti xorta baqgħet tqis il-meritu u tat ukoll deċiżjoni fuq il-meritu. Madankollu deċiżjoni dwar dan l-aggravju hija meħtieġa għax, jekk tiġi konfermata d-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar nuqqas ta’ interess ġuridiku, l-appell kien ikollu jieqaf hawn.

8. Għalhekk, għalkemm dan l-aggravju sejjer jintlaqa’, ma jwassalx bilfors biex titħassar is-sentenza appellata.

<u>Dwar il-*locus standi* tal-Avukat Ġenerali</u>

9. It-tieni aggravju jolqot il-ħelsien tal-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju. Wara li jgħidu illi l-art. 181B(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid illi kull att ġudizzjarju kontra l-Gvern ta’ Malta għandu jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali, u jiċċitaw sentenzi li jgħidu illi kull parti interessata għandha tiġi

mħarrka biex "tiġi assikurata kemm jista' jkun l-effikaċità tal-ġudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawkli jkunu parteċipi fih"[2], l-atturi jkomplu hekk:

> "Illi huwa għaldaqstant ovvju, u anke tassativ, illi l-esponenti ta' bilfors kellhom iħarrku lill-Avukat Ġenerali f'proċedura ta' din ix-xorta fejn, *inter alia*, qed jiġi mitlub mill-istess esponenti dikjarazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali fil-konfront tagħhom mill-Gvern ta' Malta u rimedju xieraq u effettiv għal dak il-ksur. Li kieku ma għamlux dan, il-ġudizzju ma kienx ikun wieħed integru, u lanqas ma kien ikun possibbli li jieħdu dak ir-rimedju xieraq u effettiv *in vista* tat-tielet u r-raba' talbiet taghhom u *cioè* kumpens u/jew rimedju ieħor mill-Gvern ta' Malta għat-tehid tal-proprjetà tal-istess esponenti."

10. L-iżball tal-atturi hu illi jinsew illi l-konvenut f'din il-kawża ma humiex l-Avukat Ġenerali jew il-Kummissarju tal-Artijiet: il-konvenut huwa l-Gvern ta' Malta, u l-art. 181B(1) igħid ċar illi għall-gvern jidher il-kap tad-dipartiment "li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni", li fil-każ tallum huwa l-Kummissarju tal-Artijiet; l-art. 181B(2) igħid illi l-Avukat Ġenerali jidher għall-gvern biss meta "minħabba n-natura tat-talba" il-kawża ma tistax tiġi diretta kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti; u l-art. 181B(3) irid biss illi l-Avukat Ġenerali jiġi dejjem notifikat bl-atti, mhux li jiġi dejjem imħarrek f'isem il-gvern.

11. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

---

2 Raymond Cassar Torreggiani *et v.* Avukat Ġenerali *et*, Kost. 22 ta' Frar 2013.

<u>Dwar ir-rimedju ordinarju</u>

12. It-tielet aggravju jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi l-atturi kellhom jinqdew b'rimedju ordinarju. Fissru dan l-aggravju hekk:

> "Fil-kaz tal-ewwel tribunal imsemmi, ossija l-Qorti tal-Appel, jiġi sottomess illi appell mis-sentenza tal-Bord ta' Arbitraġġ dwar l-Artijiet ma kien ikun tal-ebda solljev għall-esponenti għas-sempliċi fatt li fiż-żmien li ngħatat l-ewwel sentenza mill-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet (Frar 2009), l-appelli *ai termini* tal-artikolu 25(7) tal-Kap. 88 kienu ferm limitati għal punt ta' liġi, u ma seta' jsir ebda sindikar mill-ġdid tal-valutazzjoni magħmula mill-periti teknici membri tal-bord. Kien biss bl-introduzzjoni tal-Att XXI tal-2009 (Diċembru 2009) illi l-appelli minn deċiżjonijiet ta' dak il-bord twessgħu xi ftit, u setgħu forsi jolqtu l-mertu, jew il-ġustifikazzjoni tal-kumpens, avolja xorta jibqa' prinċipju ġenerali tad-dritt proċedurali li qorti ta' appell ma tistax tindaga l-materjal probatorju mressqa f qorti tal-ewwel istanza. Fil-każ taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, liema ssir referenza għalih fil-kuntratt tal-1 ta' April 2009 fl-atti tan-Nutar Diana Charles, ċertament li ma jistgħux jitqajjmu f'dak il-*forum* kwistjonijiet ta' natura u/jew kompetenza kostituzzjonali.
>
> "Illi għalhekk, appell mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Arbitraġġ ma kien ikun ta' ebda solljev għad-drittijiet pretiżi mill-esponenti f'din il-kawża, u wisq anqas proċeduri quddiem iċ-Ċentru ta' Arbitraġġ. Dan għaliex dawk il-*fora* ma setgħu qatt joffru mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat. Lanqas, allura, m'huwa ġustifikat ir-raġunament tal-ewwel qorti illi l-esponenti qed jużaw dawn il-proċeduri b'mod abbużiv, u *cioè* sabiex jerġgħu jiffokaw mill-ġdid fuq kontroversja li diġà għaddiet in ġudikat."

13. Dan l-aggravju wkoll, bħall-ewwel wieħed, effettivament jolqot parti mis-sentenza appellata li ma kellhiex effett determinanti – anzi, ma kellha effett xejn – fuq l-esitu finali għax, għalkemm sabet illi l-atturi setgħu nqdew b'rimedju taħt il-liġi ordinarja, l-ewwel qorti xorta qiset l-ilment tagħhom fil-meritu flok – kif setgħet tagħmel meta sabet illi l-atturi kellhom rimedju ieħor – tagħżel li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u

taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Billi l-ewwel qorti ma għażlitx li timxi hekk, dan l-aggravju huwa irrelevanti għax, ukoll jekk jintlaqa', ma jibdel xejn mill-parti dispositiva tas-sentenza appellata.

14. Il-qorti għalhekk ma tqisx aktar dan l-aggravju.

<u>Dwar jekk hemmx ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll</u>

15. L-aħħar aggravju jolqot il-meritu proprju tal-azzjoni: jekk l-atturi ġarrbux tassew ksur tal-jedd imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. L-atturi qegħdin igħidu illi tteħditilhom il-proprjetà tal-avvjament ta' negozju mingħajr ma ngħataw kumpens xieraq; il-konvenuti jgħidu illi meta ttieħdet il-proprjetà tal-immobbli, bi ħlas ta' kumpens lill-atturi, l-avvjament tan-negozju kien ġà ntemm u illi, f'kull każ, l-atturi ngħataw kumpens li ampjament jagħmel tajjeb għal dak kollu li tteħdilhom, ukoll il-valur ta' kull avvjament residwali li seta' kien hemm.

16. Mix-xiehda ħareġ illi n-negozju kien jitmexxa minn Aronne Brincat, żewġ l-attriċi Ludgarda Brincat u missier l-atturi l-oħra, li miet ta' tlieta u sebgħin (73) sena fl-2007, sentejn qabel ma sar it-trasferiment tal-immobbli lill-gvern b'kuntratt tal-1 t'April 2009 fl-atti tan-Nutar Diana Charles.

17. L-attur Joseph Brincat, wieħed mill-aħwa, xehed[3] illi wara l-mewt tal-missier ma tkompliex in-negozju għax il-gvern ried il-post. Qal ukoll, iżda, illi n-negozjati u l-proċeduri għall-esproprjazzjoni kienu nbdew xi erba' snin qabel il-mewt tal-missier, u dan ma żammx lill-missier milli jkompli n-negozju, kif allura ma kienx iżomm lil uliedu li kieku tassew riedu jkomplu n-negozju ta' missierhom. Il-verità għala waqaf in-negozju mal-mewt tal-missier tidher li hija x'aktarx il-fatt illi ħadd mill-ulied ma kien interessat ikompli n-negozju, kif wara kollox stqarr l-istess Joseph Brincat fix-xiehda tiegħu. Il-verità għalhekk tidher li hija illi l-avvjament kien ġà ntemm meta seħħet l-esproprjazzjoni.

18. Ma huwiex irrelevanti wkoll dak li xehed l-attur Emanuel Brincat, ieħor mill-aħwa, illi qal li waqt in-negozjati dwar il-*quantum* tal-kumpens "bħala ġest ta' rieda tajba qisna irtirajna l-każ … tal-ħanut"[4]. Jekk bħala konċessjoni biex tintlaħaq transazzjoni irtiraw pretensjoni ma jistgħux issa, wara li seħħ il-ftehim, jerġgħu jressqu l-istess pretensjoni.

19. Il-qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi għandha dubbju kemm tassew kien "avvjat" negozju mmexxi minn raġel ta' 73 sena mill-istess dar fejn joqgħod, li ħadd minn uliedu ma kien interessat li

---

3 Ara x-xiehda ta' Joseph Brincat fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2011 quddiem l-ewwel qorti, *foll.* 26 *et seqq.*

4 Ara x-xiehda ta' Emanuel Brincat fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2011 quddiem l-ewwel qorti, *foll.* 40 *et seq.*

jkompli n-negozju warajh tant li ħadd minnhom ma jidher li kien igħinu fin-negozju. Dan id-dubju huwa msaħħaħ bin-nuqqas ta' prova min-naħa tal-atturi dwar l-esistenza ta' dan l-avvjament. Għalkemm l-attur Joseph Brincat xehed illi sejjer jesebixxi d-denunzji tat-taxxa fuq id-dħul, u l-avukat tiegħu wkoll kien pront jikkonferma li "kollox ser jiġi preżentat"[5], il-"kollox" sar "xejn" għax ma tressqet ebda prova dwar l-entità tan-negozju u d-dħul minnu. Hemm biss ix-xiehda ta' Joseph Brincat illi jgħid illi meta miet il-missier – li suppost baqa' jmexxi n-negozju sa mewtu – fil-post kien baqa' biss "forsi xi ftit *cables* u hekk; vwoldiri ma kienx baqa' xi affarijiet"[6].

20. Dan kollu jsaħħaħ il-konklużjoni ta' din il-qorti illi għandha taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel qorti illi meta seħħet l-esproprjazzjoni ma kienx fadal avvjament ta' negozju, u għalhekk ebda kumpens ma kellu jitħallas għall-avvjament. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

21. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn qalet illi l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku fl-azzjoni u tikkonfermaha fil-bqija.

---

5 *Fol.* 35.

6 *Fol*. 30.

22. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur

ld